MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 264/2013

**Yellow Pages (Malta) Limited [C-11814]**

**Vs**

**Manuel CIANTAR**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-29 ta' April, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta'elf mija erbgha u sittin euro u erbgha ghoxrin centezmi ta' euro [€1,164.24c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attrici attrici qed titlob lill-konvenut jhallas is-somma ta' [€1,164.24c] elf mija u erbgha u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi debitament rezi lilek Manuel Ciantar fuq ordni u inkarigu tieghek stess bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti.

Minkejja diversi interpellanzi inti bqajt ma hallastx u ghalhekk kellha tigi addottata din il-procedura.

Il-konvenut hu minn issa ngunt in subizzjoni”.

Ra li l-intimat gie debitament notifikata bit-talba u bl-avviz tas-smiegh fl-1 ta’ Gunju, 2013 u li sas-seduta tal-lum baqa ma pprezenta l-ebda risposta u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu.

Semgha’ x-xhieda ta’ l-Avukat Dottor Noella Azzopardi Grima, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma komplessiva ta’ €1,164.24c rapprezentanti bilanc ghal servizzi rezi lill-intimat.

Ikkunsidra;

2. Ix-xhud, l-Avukat Dottor Noella Azzopardi Grima, ddikjarat li l-intimat ghad fadallu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf mija erbgha u sittin euro u erbgha ghoxrin centezmi ta’ euro [€1,164.24c] u li minkejja li l-intimat gie interpellat biex ihallas dan l-ammont huwa baqa ma ghamilx dan.

3. Ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kapitolu 380 u ra li la l-intimat u lanqas rapprezentant tieghu ma dehru ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni da parti tal-intimat u in vista tax-xhieda guramentata ta’ l-Avukat Dottor Noella Azzopardi Grima t-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra

hlief li jiddikjara li l-ammonti mitluba mis-socjeta rikorrenti huma dovuti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf mija erbgha u sittin euro u erbgha ghoxrin centezmi ta’ euro [€1,164.24c] bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ meta dawn l-ammonti kienu dovuti.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------